MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 135/1999/1

**Paul Vella**

***Versus***

***Power Projects Limited***

F’din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni wara li korra fuq il-post tax-xogħol.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta u, imqabbad minnha, kien qiegħed jaħdem f’*Saint Martin’s School*, l-Imsida meta, fis-17 ta’ Lulju 1998, korra għax il-konvenuta naqset milli tipprovdi ambjent tax-xogħol ħieles mill-perikolu. Minħabba f’hekk, l-attur ġarrab danni permanenti fuq il-persuna tiegħu.
Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuta biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-inċident tas-17 ta’ Lulju 1998 seħħ bi ħtija tal-konvenuta, u tillikwida d-danni,

tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħax.

B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Jannar 2006[1] il-qorti laqgħet l-ewwel talba ta' l-attur, qalet illi s-soċjetà konvenuta taħti għall-inċident u ordnat illi jitkompla s-smigħ għal-għanijiet tat-talbiet l-oħra.

B'dikriet tat-2 ta' Frar 2006[2] il-qorti ordnat lill-attur jippreżenta prospett tad-danni minnu pretiżi; dan il-prospett kien ippreżentat fit-23 ta' Frar 2006[3] u l-attur qal illi qiegħed jippretendi ħamest elef, ħames mija u tmienja u erbgħin lira u erba' ċenteżmi (Lm5,548.04) bħala *lucrum cessans* u *damnum emergens*.

B'nota tal-21 ta' Marzu 2006[4] is-soċjetà konvenuta (bla preġudizzju għall-kontestazzjoni tagħha dwar il-ħtija li, iżda, għal din il-qorti, hija kwistjoni magħluqa) qalet illi ma tikkontestax il-*quantum* tal-pretensjoni ta' l-attur.

Il-qorti għalhekk, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni dwar il-*quantum*, tillikwida d-danni li ġarrab l-attur fis-somma ta' ħamest elef, ħames mija u tmienja u erbgħin lira u erba' ċenteżmi (Lm5,548.04), u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] *Foll.* 89 *et seq.*
[2] *Fol.* 92.
[3] *Foll.* 93 *et seq.*
[4] *Fol.* 96.